MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 33/2013/1

**Angelo Zahra**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru, l-Avukat Generali,**
**Direttur Generali Taxxi Nterni, il-Kummissarju tal-Pulizija**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell maghmul mir-rikorrent minn sentenza moghtija fit-30 ta' Mejju 2014 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjez a kariku tieghu.

**Ir-Rikors Promotur**

**2.** Ir-rikorrent talab li l-Qorti tiddikjara li, ghar-ragunijiet fuq esposti fl-istess rikors, in-normi tal-ligi tal-FSS citati fil-*footnotes,* u cioe` Artikoli 7 [1] u 23[3] tal-Kap. 372 u r-regolamenti 14[1], 24 u 30 tal-L.S 372.14, kemm separatament kif ukoll l-effett kumulattiv taghhom, jilledu d-drittijiet tar-rikorrenti kif protetti: fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittiijiet tal-Bniedem ["il-Konvenjzoni]; fl-Artikolu 37 tal-Konvenjzoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni; fl-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-konvenzjoni; fl-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni. Talab ghalhekk li din il-Qorti thassar is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] fid-9 ta' Marzu 2012 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Angelo Zahra**, kif ukoll taghti kull rimedju, direttiva u kumpens li jidhrilha xieraq.

**3.** Huwa bbaza t-talba tieghu fuq il-premessi li jistghu jigu sintetizzati hekk.

**4.** Bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati [Malta] ir-rikorrenti kien instab hati ta' imputazzjoni migjuba kontra tieghu taht l-Artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll taht ir-regoli dwar l-FSS [fuq citati] u kkundannatu multa ta' €1,000. Filwaqt li r-rikorrent ghazel li ma jappellax, l-Avukat Generali appella minn dik is-sentenza liema appell kien ghadu pendenti sad-data tal-prezentata tar-rikors promotur.

**5.** Ir-rikorrent jghid li hu *"qed jikkontesta l-ligi [l-artikoli u regolamenti fuq indikati] illi tifforma l-bazi tas-sejba tal-htija tieghu"* partikolarment ghax konsegwenza tal-applikazzjoni ta' dawn in-normi huwa bhala direttur uniku tas-socjeta` *Stratford Company Limited* ["il-kumpanija], spicca personalment u kriminalment responsabbli ghal zmien indefinit ghan-nuqqas tal-kumpanija li tottempera ruhha man-normi legali fuq citati, u dan sakemm il-kumpanija tottempera ruhha mal-ligi *"anke jekk jiskonta piena karcerarja effettiva ghal tali nuqqas". Jippremetti li skont in-normi legali fuq citati huwa ma jistax iressaq id-difiza kontemplata fl-Artikolu 13 tal-Kap. 249"*, u cioe` dik li jipprova nuqqas ta' *mala fide* ta' min ikun akkuzat.

**6.** Dwar il-fatti tal-kaz, ir-rikorrent fl-istess rikors promotur jghid li:

> "Fis-snin ta' nuqqas ta' ottemperanza mal-ligi tal-FSS hu kien [i] il-habs jiskonta sentenza ta' prigunerija effettiva ghall-nuqqas ta' ottempernza mal-ligi tal-Vat; [ii] [kien] fi sptar l-Ingilterra jiehu kura kontra l-kankru."
>
> "Inoltre, l-assi [tieghu] jinsabu ffrizati b'ordni [tal-Qorti tal-Magistrati] u ghalhekk l-imputat ma jistax jaghmel pagamenti; u kien jhalli n-negozju tieghu f'idejn l-impjegati tieghu."

**Is-Sentenza Appellata**

**7.** L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet guridici u fattwali:

> "Illi kif ingħad ir-rikorrent qed jitlob li l-Qorti tiddikjara n-normi tal-liġi tal-FSS jledu d-drittijiet tiegħu kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.
>
> "Illi din il-Qorti diversament preseduta kellha aktar minn okkażjoni waħda tiddeċiedi dwar kwistjonijiet simili. Illi wahda riċenti minn dawn kienet fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Godwin Azzopardi"** (deċiża fil-21 ta' Frar, 2014). Dwar il-ħlas ta' taxxa skont l-FSS il-Qorti tosserva kif gej:
>
> > *""Ħlas li wara kollox mhu xejn għajr taxxa u bolla li tnaqqset mill-bolla tal-impjegati mill-prinċipal (Zimmerman Project House Limited) biex suppost tħallas lid-Dipartiment tat-Taxxa.*
> >
> > *"Għaldaqstant dan l-ilment hu nfondat."*
>
> "Għalhekk huwa evidenti illi l-għan ewlieni wara dawn il-provvedimenti hu biex jassigura li l-prinċipal iwettaq id-dmir tiegħu li jħallas it-taxxa li titnaqqas mill-paga tal-impjegati.
>
> "Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kellha wkoll okkażjoni illi tippronunzja ruħha fuq l-applikażżjoni tal-prinċipji f'każijiet ta' taxxa analogi għall-każ odjern.
>
> "**<u>ARTIKOLU 6 TAL-KONVENZJONI</u>**
>
> **"Segame SA vs France" (no. 4837/06), ECHR [07.06.2012]**
>
> "<u>Dwar il-kompatibbilta' tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-impożizzjoni ta' multi amministrattivi</u>
>
> > *""54. The Court reiterates that a system of administrative fines, such as the tax penalties in the present case, is not incompatible with Article 6 § 1 of the Convention so long as the taxpayer can bring any such decision affecting him before a court that affords the safeguards of that provision (see "Bendenoun vs France", 24 February 1994, § 46, Series A no. 284, and "Silvester's Horeca Service vs Belgium", no. 47650/99, § 25, 4 March 2004)."*

“<u>L-applikabilita` tal-prinċipju tal-proporzjonalita`</u>

*““59. The Court observes first of all that the law itself, to a certain degree, makes the fine proportionate to the seriousness of the taxpayer’s conduct, by expressing it as a percentage of the unpaid tax, the calculation of which the applicant Company had ample opportunity to discuss in this case (see, mutatis mutandis, Valico S.r.l. vs Italy (dec.), no. 70074/01, ECHR 2006-III). The Court also accepts the Government’s point concerning the special need for fiscal measures to be sufficiently effective to preserve the interests of the State, and further observes that such cases differ from the hard core of criminal law for the purposes of the Convention (see, mutatis mutandis, Jussila vs Finland [GC], no. 73053/01, § 43, ECHR 2006-XIII). Lastly, it considers that the rate of the fine, fixed at 25% by the order of 7 December 2005, does not appear disproportionate (see Malige, cited above, § 49; and contrast, mutatis mutandis, Mamidakis vs Greece, no. 35533/04, § 48, 11 January 2007, and Grifhorst vs France, no. 28336/02, § 105, 26 February 2009).*

*“60. Accordingly, in the absence of any arbitrariness, the Court concludes that there has been no violation of Article 6 § 1 of the Convention in the instant case.”*

“**<u>ARTIKOLU 4 TAS-SEBA’ PROTOKOLL</u>**

**“The European Convention on Human Rights, Robin C.A.**

**“White & Clare Ovey, Oxford [2010] paġna 305).**

*““The Strasbourg Court has stated that the aim of Article 4 of Protocol 7 ‘is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a final decision.’ The scope of Article 4 has been clarified by the Grand Chamber in the Sergey Zolotukhin case. The Grand Chamber was influenced by the text of corresponding provisions in the Covenant on Civil and Political Rigħts, and the American Convention on Human Rigħts, in concluding that the Article should be interpreted as prohibiting the prosecution or trial of an individual for a second offence where that second prosecution or trial arose from ‘identical facts or facts which are substantially the same, and the guarantee comes into play where a new set of proceedings is instituted after a prior acquittal or conviction has acquired the status of res judicata.” (The European Convention on Human Rights, Robin C.A. White & Clare Ovey, Oxford [2010] paġna 305).*

**“RUOTSALAINEN vs FINLAND** (13079/03), ECHR (16.06.2009)

- *““41. The aim of Article 4 § 1 of Protocol No. 7 is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a final decision. In the case under consideration two measures were imposed on the applicant in two separate and consecutive sets of proceedings. On 26 February 2001 the applicant was fined in summary penal order proceedings and on 17 September 2001 the applicant was issued with a fuel fee debit in administrative proceedings.*

- *“42. The Court reiterates that the legal characterisation of the procedure under national law cannot be the sole criterion of relevance for the applicability of the principle of non bis in idem under Article 4 § 1 of Protocol No. 7. Otherwise, the application of this provision would be left to the discretion of the Contracting*

*States to a degree that migħt lead to results incompatible with the object and purpose of the Convention (see, most recently, "Storbråten vs Norway (dec.), no. 12277/04, ECHR 2007-... (extracts), with further references). The notion of "penal procedure" in the text of Article 4 of Protocol No. 7 must be interpreted in the ligħt of the ġeneral principles concerning the corresponding words "criminal charge" and "penalty" in Articles 6 and 7 of the Convention respectively (see Haarvig vs Norway (dec.), no. 11187/05, 11 December 2007; Rosenquist vs Sweden (dec.), no. 60619/00, 14 September 2004; Manasson vs Sweden (dec.), no. 41265/98, 8 April 2003; Göktan vs France, no. 33402/96, § 48, ECHR 2002-V; Malige vs France, 23 September 1998, § 35, Reports of Judgments and Decisions 1998-VII; and Nilsson vs Sweden (dec.), no. 73661/01, ECHR 2005- ...).*

- *"43. The Court's established case-law sets out three criteria, commonly known as the "Engel criteria" (see Engel and Others vs the Netherlands, 8 June 1976, Series A no. 22), to be considered in determining whether or not there was a "criminal charge". The first criterion is the legal classification of the offence under national law, the second is the very nature of the offence and the third is the degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring. The second and third criteria are alternative and not necessarily cumulative. It is enough that the offence in question is by its nature to be regarded as criminal or that the offence renders the person liable to a penalty which by its nature and degree of severity belongs in the general criminal sphere (see: " Ezeh and Connors vs the United Kingdom [GC"], nos. 39665/98 and 40086/98, § 86, ECHR 2003-X). The relative lack of seriousness of the penalty cannot divest an offence of its inherently criminal character (see: "Öztürk vs Germany", judgment of 21 February 1984, Series A no. 73, § 54, and "Lutz vs Germany", judgment of 25 August 1987, Series A no. 123, § 55). This does not exclude a cumulative approach where separate analysis of each criterion does not make it possible to reach a clear conclusion as to the existence of a criminal charge (see, as recent authorities, "Jussila vs Finland [GC]", no. 73053/01, §§ 30-31, ECHR 2006-..., and "Ezeh and Connors", **cited above, § 82-86)."***

**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll**

**"FERRAZZINI vs ITALY"** *(Application no. 44759/98)* ECHR (12.7. 2001).

*"CONCURRING OPINION OF JUDGE RESS*

""*The Court found that developments in the tax field do not affect the fundamental nature of the obligation on individuals or companies to pay tax. However, there is an element in tax proceedings which might lead to a different result, at least in some cases. As the criminal aspects of tax cases are not excluded from the application of Article 6 (see: "Bendenoun vs France", judgment of 24 February 1994, Series A no. 284), I consider that the aspect of immediate enforcement, which presents similarities with the effect of penalties and can be even more severe from an economic point of view, should not be excluded a priori from the scope of application of Article 6.*

"*Even if tax matters, at least ġenerally speaking, still form part of the hard core of public-authority prerogatives, there is an aspect in which the State transgresses those prerogatives and enters a sphere in which the individual should, in a democratic society, be able to challenge such a duty on the taxpayer by arguing that there has been an abuse of rights in immediate enforcement proceedings. In*

*the same way as the Court has established an obligation in respect of penalties not to proceed to enforcement before the individual has had the possibility of having the lawfulness reviewed, that aspect seems to me to be also valid in respect of tax proceedings. If the procedure in tax cases in some Contracting States does not provide for a stay of proceedings where the individual disputes his obligation to pay or does not at least give him the possibility of requesting a stay of execution before paying sometimes considerable amounts, the lawfulness of which is disputed, the State is using the predominant position conferred on it by its sovereign prerogatives in a manner which might be deemed excessive. That may also be the case if the State requests, in the event of a stay of enforcement, bank guarantees imposing an excessive burden on the individual.*

"*If account is taken of the sometimes very lengthy tax proceedings before tax authorities and courts dealing with tax cases, the taxpayer is left in a position which one would be hard pressed to describe as "part of the normal civic obligations in a democratic society" (see: "Schouten and Meldrum vs the Netherlands", judgment of 9 December 1994, Series A no. 304, p. 21, § 50). That is a factor which might, in my opinion, induce the Court to review certain aspects of the application of Article 6 in taxation cases."*

"Il-Qorti pero' in vista ta' din il-ġurisprudenza, wara li eżaminat l-atti u kellha okkażjoni tisma' l-provi, jidhrilha li l-intimati għandhom raġun jgħidu li r-rikorrenti ġab is-sitwazzjoni li jinsab fiha b'idejh u ma jista' jwaħħal f'ħadd jekk mhux fih innifsu.

"Illi wieħed jikkompatih biss għall-marda li kellu u li tagħha għadu qed jieħu kura iżda s-sitwazzjoni kienet ġia pprecepitat qabel dan, u nfatti sa mill-2000 kien diġa' mhux iħallas il-kontibuzzjonijiet tas-Sigurta' Nazzjonali tal-ħaddiema tiegħu. Wieħed ma jistax ikun negliġenti għall-aħħar fin-negozju tiegħu, iħalli s-sitwazzjoni teħżien għal ħafna snin u allura jkun f'pożizzjoni aktar vulnerabbli għaliex huwa naturali li meta persuna tikber aktar fl-eta' aktar tikber il-possibbilta' li saħħtu ma tibqax li tkun u mbagħad jitlob l-intervent tal-Qorti għaliex isibha impossibbli li jirrimedja l-pożizzjoni tiegħu.

"Illi lanqas ma jista' r-rikorrenti jilmenta li l-provvedimenti li qed jattakka b'dawn il-proċeduri jagħmluha impossibbli għalih li jiġġestixxi n-negozju mingħajr ma jikser l-istess provvedimenti għaliex allura dan ma jispjegax kif eluf ta' negozjanti oħra jsegwu l-liġi skrupolożament mingħajr ma jinkorru ebda penalita` u ebda multa jew addirittura sentenza karċerarja.

"Illi kif eċċepew l-intimati, ir-rikors promotur huwa aktar espożizzjoni tar-rikorrenti dwar il-liġijiet in kwistjoni, u għaliex huwa ma jaqbilx magħhom, u l-Qorti mhijiex qegħda biex tikkummenta fuq il-liġi iżda biex timplimentaha. Huwa biss meta dik il-liġi tikser il-provvedimenti tal-Kostituzzjoni li tista' tesprimi n-nuqqas ta' qbil tagħha – xi ħaġa li r-rikorrenti ma ppruvax fil-kors tal-kawża."

## **L-Appell**

**8.** L-aggravji huma sintetizzati hekk mir-rikorrent:

> "[a] Illi, diversament minn dak ritenut mill-ewwel Qorti, ir-rikors promotur kien tempestiv u validu; [b] illi, kuntrarjament ghall-konkluzjoni tal-Qorti, l-esponent sofra multiplicita` ta' kastigi ghall-istess nuqqas; [c] illi, diversament minn dak ritenut mill-ewwel Qorti, l-effett abbinat tal-ligi bizantina tal-FSS u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz poggew l-esponent f'sitwazzjoni fejn kellu jinstab hati ta' non-konformita` ma' ligi meta ghalih kien impossibbli jikkonforma ruhhu ma tali ligi, u dan bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu."

**9.** In bazi ghall-premess, ir-rikorrent appella mis-sentenza tal-ewwel Qorti u qed jitlob li din tigi revokata u, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati, tilqa' t-talbiet tieghu kontenuti fir-rikors promotur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati.

**10.** L-intimati min-naha taghhom qed jitolbu li, ghar-ragunijiet indikati fir-risposta taghhom, l-appell jigi michud, u s-sentenza appellata tigi konfermata; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent.

**<u>Il-Fatti</u>**

**11.** Il-fatti relevanti, kif jirrizulta mill-provi, huma dawn. Fis-sena 1993 ir-rikorrent kien gie certifikat[1] li kellu marda terminali. Fis-sena 1995 huwa rregistra l-kumpanija Stratford Company Limited ["il-kumpanija"] mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u nghata l-PE number.[2]

---

[1] Certifikat mediku – fol.259
[2] Fol.249

**12.** Fis-27 ta' Novembru 2008[3] ir-rikorrent kien gie ikkundannat piena ta' prigunerija ta' tlettax-il xahar sosipiza ghal perjodu ta' sentejn bl-obbligu li fi zmien sitt xhur ihallas lid-Dipartament tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud is-somma ta' LM32,281.85 rapprezentanti bilanc dovut minnu lid-Dipartiment fuq il-kumpanija. Din il-piena giet konvertita f'wahda ta' prigunerija effettiva b'sentenza moghtija mill-istess Qorti fit-18 ta' Dicembru 2009 wara li r-rikorrent kien baqa' inadempjenti minkejja il-perjodu koncess lilu ghall-hlas.

**13.** Fit-8 ta' Novembru 2010 ir-rikorrent kien gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta][4] talli mis-sena 1998 sas-sena 2005 naqas li jibaghat il-formoli tat-taxxa u l-formoli kif rikjest mil-ligi. Fid-9 ta' Marzu 2012 dik il-Qorti sabitu hati skont l-akkuza u kkundannatu multa ta' €1,000. Din is-sentenza giet sussegwentement varjata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza Kriminali tal-31 ta' Ottubru 2013[5], billi apparti mill-hlas tal-imsemmija multa dik il-Qorti imponiet multa addizzjonali ta' €4 ghal kull gurnata li matulha jkompli r-reat skont l-Artikolu 23 [13] tal-Kap. 372.

**14.** Fil-frattemp fil-31 ta' Awwissu 2011 ir-rikorrent kien irrizenja mill-kariga ta' direttur, izda fl-14 ta' Dicembru 2011 huwa rega' gie re-appuntat f'din il-kariga.

---

[3] Fol.42
[4] Fol. 130.
[5] Fol. 134.

**15.** Jirrizulta li, rizultat ta' tiwlima li r-rikorrent kellu mal-Bank HSBC, fis-sena 2001 kienu inbdew proceduri ghall-bejgh b'subbasta tal-proprjeta` tal-kumpanija, bir-rizultat li fuq ordni mahurga mill-Qorti fit-13 ta' Lulju 2001 gie ezegwit digriet li permezz tieghu uhud mill-proprjeta` tal-kumpanija gew sigillati, u *"ghalhekk minn dakinhar 'il quddiem Anglu Zahra qatt aktar ma kellu access ghad-dokumenti relatati"* mal-kumpanija.[6]

**16.** Huwa opportun li jigu senjalati dawn il-fatti allegati mir-rikorrent fix-xhieda tieghu. Huwa jghid li ma tantx jaf jaqra u ghalhekk kien ihalli kollox f'idejn il-manager u l-impjegati tal-kumpanija, u dan anke minhabba l-fatt li l-priorita` tieghu f'dak iz-zmien kienet li jikkura ruhu mill-marda li kellu. Ghalhekk halla kollox f'idejhom u fil-komputisti imqabbdin minnhom. Huwa identifika lil dawn in-nies b'isimhom, izda hadd minnhom ma tressaq sabiex jaghti x-xhieda tieghu in sostenn ta' dak allegat mir-rikorrent.[7] Jghid ukoll li kemm minhabba l-problemi ta' sahha, kemm minhabba l-problema li kellu mal-imsemmi Bank li qabadlu parti mill-proprjeta` tal-kumpanija u kemm ghax kien hemm ordni tal-iffrizar fuq il-proprjeta` tieghu mahruga mill-Qorti tal-Magistrati, huwa ma kienx fil-possibilita` li jissodisfa l-obbligi fiskali tieghu skont il-ligijiet fuq indikati.[8]

---

[6] Affidavit Denise Frendo, habiba tar-rikorrent, u dokumenti annessi mieghu – Foll. 25 et seq.

[7] Fol. 243.

[8] Fol. 20 – Mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-18 ta' Dicembru 2009 jirrizulta li l-ordni tal-iffrizar kienet inharget ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101. Dik il-Qorti ma kienitx accettat dan l-argument bhala raguni valida li ma jhallasx dak dovut minnu bhala VAT ghax kieku l-intimat verament ried jottempera ruhu mal-ordni taghha seta' facilment jitlob lill-qorti li mponiet l-oneru ta' frizar tal-assi tieghu sabiex tawtorizzah jottempera ruhu mas-sentenza precedenti u jissodisfa l-obbligi fiskali tieghu. Jidher pero` li dan ma sarx.

*L-ewwel aggravju*

**17.** Dan jitratta dwar l-eccezzjoni tal-intimati li r-rikors promotur huwa rritu u null peress li partijiet essenzjali ghall-validita` ta' rikors kostituzzjonali jinsabu indikati fil-*footnotes*.

**18.** Fir-rigward din il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu li fil-parti operattiva tas-sentenza l-ewwel Qorti qalet li kienet qed tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati, minn qari tas-sentenza jirrizulta car li din l-eccezzjoni ma kienitx fil-fatt giet milqugha, tant hu hekk li, apparti mill-fatt li din l-eccezzjoni ma ssemmiet xejn fil-konsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata, l-ewwel Qorti ghaddiet ghat-trattazzjoni tal-kaz fuq il-meritu. Dan il-fatt necessarjament ifisser li l-ewwel Qorti ma qiesitx ir-rikors promotur bhala wiehed null.

**19.** L-istess jinghad dwar l-eccezzjoni tal-intempestivita` tar-rikors, li hi fis-sens li f'dak iz-zmien il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kienu ghadhom pendenti. Fir-rigward jinghad li fuq dan l-aspett mhux biss ma ssemma' xejn fis-sentenza appellata imma fil-mori ta' dawn il-proceduri, il-proceduri fil-Qorti tal-Appell Kriminali gew konkluzi bis-sentenza definittiva tat-13 ta' Ottubru 2013, u ghalhekk din l-eccezzjoni giet sorvolata.

**20.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

*It-tieni aggravju*

**21.** F’dan l-istadju huwa opportun li jigi senjalat minn din il-Qorti li, kuntrarjament ghal dak sostnut mir-rikorrent fir-rikors tieghu, u cioe` li hu qed jattakka l-kostituzzjonalita` tan-normi fiskali *de quo*, fil-fatt mit-talbiet tieghu kif ifformulati fir-rikors promotur, ma jirrizultax li r-rikorrent qed jitlob dikjarazzjoni ta’ nullita` ta’ dawn il-ligijiet, imma qed jitlob [1] dikjarazzjoni li l-applikazzjoni ta’ dawn il-ligijiet fil-konfront tieghu jilledu d-drittijiet fundamentali indikati fl-istess talba, u [2] qed jitlob rimedju. Ghalhekk l-ezercizzju spettanti lill-Qorti huwa limitat ghal ezami tal-applikazzjoni ta’ dawn il-ligijiet fil-konfront tar-rikorrent mehud kont tal-fattispecje tal-kaz *de quo*.

**22.** Ferm il-premess, din il-Qorti tosserva li dan l-aggravju hu fis-sens li r-rikorrent sofra multiplicita` ta’ kastigi ghall-istess nuqqas. Dan hu bazat fuq d-dritt protett mill-Konvenzjoni fl-Artikolu 4 tas-Seba’ Protokoll. Ir-rikorrent jghid:

> “…. Meta kiser il-ligi tal-FSS huwa gie espost kemm ghall-multi inflitti mill-Qorti tal-Magistrati, kif ukoll l’ hekk imsejha penali amministrattivi illi, minhabba n-natura ta’ deterrenti u punittiva taghhom, jitqiesu bhala pieni fis-sens tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Hawnhekk l-argument kien wiehed ta’ *ne bis in idem.*”

**23.** Min-naha taghhom l-intimati jirribattu bl-argument li l-agir li ghalih instab hati r-rikorrent m’huwiex dejn ta’ taxxa tal-kumpanija fuq l-intorjtu taghha, izda jikkonsisti fil-fatt li l-kumpanija, u allura r-rikorrent li taghha huwa <u>uniku direttur</u>, naqsu milli jghaddu lid-Dipartiment tat-Taxxi t-taxxa mnaqqsa minnhom mill-pagi tal-impjegati. Huwa dan, in-nuqqas tar-rikorrenti, li ghalih wehel piena

kriminali li tinkludi penali per *diem* sakemm hu jikkonforma ruhu mal-ligi kif ukoll taxxa addizzjonali imposta mill-Kummissarju fin-nuqqas.

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

**24.** L-Artikolu 4 tas-Seba' Protocoll tal-Konvenzjoni fil-parti relevanti jaqra hekk:

> "1. Hadd ma jista' jkun ipprocessat jew jerga' jigi kkastigat ghal darb'ohra fi procedimenti kriminali taht il-gurisdizzjoni tal-istess Stat ghal xi reat li dwaru jkun diga` gie finalment liberat jew misjub hati skond il-ligi u l-procedura penali ta' dak l-Istat."

**25.** Fir-rigward din il-Qorti tosserva li hemm certu kazijiet fejn il-multa amministrattiva tant tkun severa li tikkwalifika bhala piena penali ghax tenut kont tas-severita` taghha titqies derivanti minn akkuza kriminali ghall-finijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

**26.** Fil-kaz odjern huwa minnu li, filwaqt li l-piena imposta mill-Qorti hija wahda definittiva, dik amministrattiva m'hijiex definittiva u dan peress li, ai termini tal-Artikolu 23 [8] tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa Kap. 372, din tista' tigi irtirata parzjalment jew fl-intier taghha mill-Kummissarju[9]. Huwa wkoll minnu li, skont il-proviso tas-subinciz 7 tal-istess att, dik it-taxxa tista' wkoll tigi kontestata quddiem qorti fiz-zmien hmistax-il jum min-notifika tal-avviz. Huwa minnu wkoll li skont ir-regolament nurmu 24 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 372.14 intestata "Regoli Dwar Final Settlement System [FSS]", il-

[9] Ara PA[SK] Il-Pulizija vs Godwin Muscat, deciza 21 Frar 2014

pagatur li jhossu aggravat bid-decizjoni jista' ai termini tas-subinciz 3 jipprezenta ittra ta' kontestazzjoni lill-Kummissarju fi zmien ghaxart ijiem min-notifika, u skont is-subinciz [5], dan jista' jahfer it-taxxa addizzjonali, parzjalment jew fl-intier taghha, jekk ikun sodisfatt li n-nuqqas tal-pagatur ma jkunx dovut ghal xi htija jew negligenza tieghu.

**27.** Izda mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-multi mitluba mid-Direttur minghand ir-rikorrent potenzjalment ilahhqu eluf kbar ta' euro u ghalhekk huma sostanzjali. Ukoll ma jirrizultax li dawn gew irtirati mid-Direttur. Ghalhekk meta l-pulizija agixxiet kontra r-rikorrent billi tat bidu ghall-proceduri kriminali kontra tieghu ghar-reati bazati fuq l-istess fatti – li juri li l-fatti huma klassifikati bhala reat kriminali – li fuqhom kienu diga` gew imposti l-multi "amministrattivi", dawn il-multi kienu gja` fis-sehh. Minn dan jirrizulta car li bit-tehid kontra r-rikorrent ta' proceduri kriminali wara li gia` gew imposti l-multi "amministrattivi", ir-rikorrent mhux talli gie processat darbtejn fuq l-istess fatti, izda talli gie wkoll penalizzat darbtejn in vjolazzjoni tal-artikolu konvenzjonali fuq citat.

**28.** Il-konsiderazzjonijiet premessi huma msahhin b'dak li osservat il-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' **Lucky Dev v. Sweden** [Appl.7356/10, deciz 27 Novembru 2014] fejn, wara li osservat li *"..the aim of Article 4 of Protocol Np.7 is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a final decision..."* qalet li l-fatt wahdu li kien hemm duplikazzjoni ta' proceduri, kriminali u amministrattivi, ghaddejjin fl-istess hin ma jinvolvix ksur tal-Artikolu

4 tal-Protokoll 7. Dak li f'dak il-kaz kien jinvolvi ksur ta' dak l-artikolu konvenzjonali kien il-fatt li, ghalkemm il-proceduri kriminali kienu gew konkjuzi qabel il-proceduri amministrattivi bil-liberatorja tal-applikant, dawn l-ahhar proceduri damu ghaddejjin ghal 9 xhur ohra, wara li l-applikanti kienet giet liberata. *"Therefore the applicant was tried "again" for an offence for which she had already been finally acquitted".*

**29.** Fid-dawl tal-premess, fil-kaz odjern jirrizulta li, fiz-zmien meta ttiehdu passi kriminali kontra r-rikorrent konkluzi bis-sejbien ta' htija tar-reati li bihom kien gie akkuzat u konsegwentement ikkundannat piena, kienu gia` gew imposti fuqu multi "amministrattivi" ta' entita` tant severa li ghandhom jitqiesu sanzjoni ta' natura penali. Ghaldaqstant fid-dawl tal-fatti kif zvolgew, il-proceduri kriminali kontra tieghu huma vjolattivi tal-Artikoli 4 tal-Protokoll 7. Dan ghandu jwassal ghan-nullita` tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] fid-9 ta' Marzu 2010 kif riformata mill-Qorti Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013.

**30.** Ghalhekk dan l-aggravju qed jitqies bhala fondat u qed jigi milqugh. In vista ta' dan mhux il-kaz li din il-Qorti tkompli tikkonsidera l-aggravji l-ohra.

**31.** Rigward ir-rimedju ghall-vjolazzjoni riskontrata, din il-Qorti apparti milli tiddikjara nulla s-sentenza fuq indikata, hi tal-fehma li ghandha taghti ammont bhala danni mhux pekunjarju ghall-ansjeta` u frustrazzjoni li tali vjolazzjoni

kkagunat lir-rikorrent, anke fid-dawl tal-fatt li f'dak iz-zmien dan kien diga` qed jiehu l-kura ghal marda li kellu.

**32.** Mill-banda l-ohra pero` huma relevanti ghal dan l-aspett tal-kawza s-segwenti konsiderazzjonijiet bazati fuq fatturi li jimmiltaw kontra r-rikorrent fil-komputazzjoni tal-*quantum* tal-kumpens stante li jdghajfu t-tezi tieghu li hu kien fl-impossibilita` li jhallas it-taxxa dovuta minnu.

**33.** Fl-ewwel lok jigi osservat li ghal xi raguni li jafha hu biss, ir-rikorrent naqas milli juzufruwixxi mill-iskema mahruga mill-Gvern li permezz taghha l-multi amministrattivi gew imnaqqsa b'90% ghal min ihallas dak dovut minnu f'pagament wiehed, u 80% ghal min jaghzel li jhallas ratealment.

**34.** Fit-tieni lok dwar l-ordni tal-iffrizar, jinghad li ma jirrizultax mill-atti li r-rikorrenti ghamel applikazzjoni ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 sabiex jigi permess lilu mill-Qorti li harget l-ordni li l-flus dovuti lill-Kummissarju jithallsu mill-flus mizmuma taht l-awtorita` taghha. Dan il-fatt kien diga` gie sollevat mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] fis-sentenza taghha tat-18 ta' Dicembru 2009.

**35.** Dwar il-fatt li hu ma kellux access ghall-indirizz fejn kienu qed jintbaghtu l-avvizi minhabba li l-proprjeta` kienet kolpita b'mandat mill-Qorti, il-Qorti tosserva li zgur li r-rikorrent kien jaf li ghandu jaghti somma sostanzjali lill-

Kummissarju, u ghalhekk kien dover tieghu li jikkomunika mal-istess u jgharrfu bl-indirizz prezenti tieghu.  Fin-nuqqas, ma jistax validament jilmenta li ma kellux access ghall-korrispondenza mibghuta fl-indirizz registrat tal-kumpanija. Kif lanqas ma jista' validament jilmenta mill-fatt li ma kellux access ghad-dokumenti stante li l-post kien gie ssigillat.  Fir-rigward, jigi osservat li ma jirrizultax li r-rikorrent ghamel applikazzjoni lill-awtorita` kompetenti, sabiex ikollu access ghad-dokumenti necessarji sabiex jissodisfa l-obbligi fiskali tal-kumpanija.

**36.** Dwar is-sekwestru ottenut mill-Bank fuq l-assi tal-kumpanija, u dwar l-esproprju ta' proprjeta` tar-rikorrenti, il-Qorti tosserva li dawn il-fatturi huma rrelevanti, u zgur ma jiggustifikawx b'xi mod il-fatt li r-rikorrent zamm ghandu l-flus imnaqqsa mis-salarji tal-impjegati tal-kumpanija ghas-seba' snin fuq indikati.

**37.** Dwar il-perjodu li hu kien ghamel il-habs, dwar il-fatt allegat minnu li hu bniedem illitterat, u dwar il-marda tieghu, din il-Qorti tosserva li dawn bl-ebda mod ma jiggustifikaw l-agir illegali tar-rikorrent, u dan qed jinghad ghas-segwenti ragunijiet:

**38.** [a] Fix-xhieda tieghu r-rikorrent jghid u jaghti l-impressjoni li hu kien ihalli kollox f'idejn il-*manager* tal-kumpanija u l-impjegati taghha, u li hu donnu ma kien jaf b'xejn li kien qed isir.  Il-Qorti tosserva li din l-allegazzjoni hi mdghajfa

mill-konsiderazzjoni li, minkejja li fix-xhieda tieghu huwa identifika b'isimhom persuni li kienu jahdmu fil-kumpanija, huwa naqas li jipproducihom bhala xhieda in sostenn tat-tezi tieghu li hu ma kienx jaf x'qed jigri fil-kumpanija. Mhux talli hekk, talli fix-xhieda tieghu, fuq mistoqsija jekk kienx irrapporta lil uhud minn dawn in-nies lill-pulizija fuq in-nuqqas li hu qed jattribwixxi lilhom, huwa jirrispondi "Ma niftakarx". Pressat aktar mid-difensur tal-intimati, jghid "Ma nahsibx, le".

**39.** [b] Hija flokha l-konsiderazzjoni li, jekk huwa minnu li hu kien ihalli kollox f'idejn l-impjegati tal-kumpanija, allura z-zmien li hu ghamel il-habs ma kellux ikollu impatt fuq il-finanzi tal-istess, kif l-anqas ma kellu jkollu effett fuq dawn il-finanzi l-fatt li hu marid.

**40.** [c] Illi huwa ferm inverosimili li, kieku verament kien ihalli kollox f'idejn l-impjegati, dawn ma kienux jassiguraw li dak li tnaqqas mis-salarju taghhom ikun thallas lid-Dipartiment tat-Taxxi.

**41.** [d] M'huwiex inopportun li ssir referenza ghal dak li osservat il-Qorti tal-Magistrati [Malta] fis-sentenza tad-9 ta' Marzu 2012 li ghaddiet f'gudikat, meta dik il-Qorti kkonsidrat id-difiza tar-rikorrent, allura akkuzat, tal-impossibbilita` tieghu li jissodisfa l-obbligi fiskali tieghu. Fil-konsiderazzjonijiet taghha dik il-Qorti osservat hekk:

> "L-imputat … ma kkonvinciex lill-Qorti li huwa safa' f'sitwazzjoni fejn ma setghax jonora dawn l-obbligi. Huwa ghazel li jirrizenja u jxolji l-kumpanija meta gie rinfaccjat bil-proceduri odjerni, in oltre jidher li anke fil-perjodu meta huwa kien ikollu jsiefer ghall-kura n-negozju kien sejjer tajjeb tant li kellu likwidita` sufficjenti biex jghati LM30,000 lin-neputi ghal xi negozju gdid".

**42.** Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti hi tal-fehma li l-kumpens non-pekunjaru li ghandu jinghata lir-rikorrent ikun ta' €800.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti limitatament kif ser jinghad: billi tiddikjara nulla u bla effett fil-ligi s-sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-9 ta' Marzu 2012 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Angelo Zahra** peress li hija vjolattiva fil-konfront tieghu tal-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni; takkorda lir-rikorrent kumpens mhux pekunjarju fl-ammont ta' tmien mitt Euro [€800.]

L-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a karigu tal-Kummissarju tal-Pulizija.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------